MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2022

Appell Inferjuri Numru 13/2021 LM

**Concetta Camilleri (K.I. numru 366758(M))**
*('l-appellata')*

***vs*.**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat id-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fid-9 ta' Ġunju, 2021, numru 136/21, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], li permezz

tagħha ddeċieda li jilqa' l-appell tar-rikorrenti **Concetta Camilleri (K.I. nru. 366758(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'].

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tat-28 ta' Mejju, 2020 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant'] li l-appellata kienet tħallset żejjed l-ammont ta' €2,415.54 fl-Għajnuna għall-Mard mingħand id-Dipartiment għall-perijodu li beda fl-14 ta' April, 2018 u spiċċa fis-17 ta' Jannar, 2020, u dan għar-raġuni li l-kapital tagħha kien jeċċedi l-massimu tad-dħul stabbilit. B'hekk huwa nfurmaha permezz ta' dik l-istess deċiżjoni, li l-ammont imħallas żejjed kien ser jitnaqqas bir-rata ta' 10% mill-Għajnuna Medika (SKA) jew minn xi benefiċċju ieħor li hija setgħet kienet qiegħda tirċievi mingħand id-Dipartiment.

**Mertu**

3. L-appellata istitwiet proċeduri ta' appell quddiem l-Arbitru permezz ta' ittra tal-konsulent legali tagħha tal-5 ta' Ġunju, 2020, fejn ikkontestat id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant għaliex: (i) fl-ewwel lok ma kienx ġie ndikat l-artikolu tal-liġi; (ii) hija ma kellhiex mezzi finanzjarji sabiex tottjeni l-mediċini li għandha bżonn; (iii) hija ma kellhiex u lanqas għandha l-mezzi li jeċċedu l-ammont iddikjarat mid-Dipartiment. Id-Direttur Ġenerali appellant min-naħa tiegħu wieġeb fis-7 ta' Awwissu, 2020, fejn spjega li minn

investigazzjoni tad-Dipartiment kien irriżulta li l-kapital tal-appellata kien jeċċedi l-massimu stabbilit fl-ammont ta' €14,000.

**Id-deċiżjoni appellata**

4. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Konsiderazzjonijiet***

*Fir-rapport magħmul minn Caroline Vella u preżentat mid-Dipartiment ħarġu dawn il-fatti:*

*i. Illi kien sar rapport fl-Uffiċċju Distrettwali ta' Raħal Ġdid minn Allister Camilleri (150180M) fejn allega illi ommu kienet biegħet kantina u daħħlet €60,000 kif ukoll li ommu kienet wirtet xi proprjetà.*
*ii. Minn informazzjoni miġbura mit-Tax Compliance Unit irrizulta illi l-appellanti kienet dehret bħala bejjiegħa unika ta' fond 48, Triq San Pawl Valletta. Dana kien kuntratt ta' donazzjoni b'valur inizjali ta' €20,000 li ġie rivedut għal €30,000. Ix-xerrej kien Allister Camilleri ossia min għamel ir-rapport.*
*iii. L-appellanti ma nfurmatx lid-Dipartiment b'din it-transazzjoni iżda kienet infurmat id-Dipartiment b'wirt ta' proprjetà liema proprjetà qed tintuża minnha bħala residenza.*
*iv. L-appellanti kkonfermat mal-Ispetturi li kellmuha li l-fond li kienet tat b'donazzjoni lit-tifel kien ġie lilha permezz ta' wirt. Għamlet donazzjoni biex forsi binha jrabbi l-għaqal u jegħleb il-vizzju tad-droga. Binha spiċċa biex biegħ il-fond ossia kantina wara ftit.*
*v. Il-konklużjoni tar-rapport kien illi l-appellanti kienet naqset li tinforma lid-Direttorat illi kienet wirtet din il-kantina.*

*Dan wassal sabiex id-Direttur jieħu d-deċiżjoni in mertu.*

*Irriżultaw għalhekk il-fatti kif dikjarati mid-Direttur li wasslu għad-deċiżjoni tiegħu. Il-fatti li huma ta' importanza huma mhux biss il-fatt innifsu li kien hemm il-writ favur l-appellanti iżda wkoll li hija ddisponiet minn dan il-wirt in parti favur binha. Huwa ċar li l-wirt kollu kellu jiġi dikjarat lid-Dipartiment. Huwa fatt li l-appellanti nfurmat lid-*

*Dipartiment bil-wirt tal-fond li tgħix bih effettivament iżda ma nfurmatx id-Dipartiment bil-wirt tal-kantina li sussegwentement għaddiet lil binha bħala donazzjoni.*

*Importanti però f'dan il-kuntest id-dati. Il-*causa mortis *favur l-appellanti tal-kantina in mertu huwa datat 18.09.2018. Ftit jiem wara ossia fil-31 ta' Ottubru 2018 l-appellanti għamlet donazzjoni tal-kantina favur binha. Jidher ċar minn dawn id-dati li l-appellanti ma' għamlet ebda tentattiv b'dawn l-atti sabiex tiżvija lid-Dipartiment jew sabiex b'ħabi ma turix li wirtet il-kantina. Huwa ċar li si tratta ta' Atti pubblici li huma a disposizzjoni kontinwa tad-Dipartiment. Effettivament l-appellanti kellha f'idejha l-kantina in mertu għal biss xahar u nofs. Dak li seħħ wara huwa importanti wkoll. Binha, minħabba l-vizzju tad-droga, huwa stess biegħ il-kantina sussegwentement u spiċċa biex addirittura għamel ir-rapport lid-Dipartiment dwar in-nuqqas ta' ommu l-appellanti – dana wara naturalment l-appellanti wasslet fl-aħħar bil-paċenzja kbira li kellha ma' binha u ma setgħetx tgħinu aktar.*

*L-Arbitru fil-kuntest ta' dawn il-fatti jara li d-Direttur naqas li jara li effettivament ma kienx hemm dawk l-estremi li kellhom iwasslu sabiex jieħu d-deċiżjoni li effettivament ħa. Si tratta ta' donazzjoni li saret b'mod legali u ma saritx (u dan jidher biċ-ċar) biex l-appellanti tkompli tieħu l-benefiċċji in mertu. Saret biss sabiex, forsi, binha jimxi 'l quddiem."*

## **L-Appell**

5. Id-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-14 ta' Lulju, 2021, fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni appellata, u konsegwentement tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tad-28 ta' Mejju, 2020, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata. Jissottometti li l-aggravju tiegħu huwa li l-Arbitru naqas li japplika sew il-liġi.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tad-Direttur Ġenerali appellant, u dan filwaqt li tqis ukoll l-konsiderazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata.

8. Id-Direttur Ġenerali appellant spjega li skont l-artikolu 20 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, kien hemm għadd ta' rekwiżiti li kellhom jiġu sodisfatti sabiex persuna tkun eliġibbli għall-Għajnuna għal Mard, u jispjega kif dawn joħorġu mit-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda ta' dik il-liġi. Irrileva li meta wirtet kantina mingħand Anthony Dimech, li miet fil-21 ta' Novembru, 2017, fejn hija m'għamlitx użu minnha bħala r-residenza ordinarja tagħha, u fuq l-att ta' donazzjoni tal-31 ta' Ottubru, 2018 ingħatat valur ta' €20,000, il-valur tar-riżorsi kapitali tagħha fil-mument li wirtet ċertament eċċedew l-iskala ta' €14,000 kif stabbilit mil-liġi. Irrileva li meta l-appellata nformat lid-Dipartiment li hija kienet wirtet proprjetà, hija semmiet biss id-dar bin-numru 56, Madonna tal-Karmnu, Triq it-Tarzna, Raħal il-Ġdid, li llum hija r-residenza tagħha, u baqgħet ma żvelatx li kienet wirtet il-kantina fil-Belt Valletta, sakemm dan ammettietu meta konfrontata bid-donazzjoni mill-Ispetturi. Jissottometti li dan minkejja l-obbligu tagħha *ai termini* tal-para. (b) tas-subartikolu 97(1) tal-Kap. 318, u b'hekk l-appellata kisret ir-rapport ta' fiduċja mad-Dipartiment. In sostenn ta' dan, id-Direttur Ġenerali appellant jagħmel riferiment għal sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet **Saviour Mifsud *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali** deċiża fil-21 ta' Frar, 2007. B'hekk jikkontendi li l-aggravju tiegħu jimmerita li jintlaqa', b'dana li jirrileva kwistjoni oħra, jiġifieri l-fatt li l-kantina in kwistjoni kienet tagħmel parti sostanzjali mill-patrimonju tal-appellata, u

għalhekk kellha mezzi adegwati biżżejjed sabiex tgħajjex lilha nnifisha permezz tal-bejgħ tagħha, iżda minflok ċaħdet lilha nnifisha mill-kapital tagħha. Isostni li rrilevanti hawn kien il-fatt li bin l-appellata għandu l-vizzju tad-droga, u l-fatt li huwa m'għandux indirizz fiss. Jgħid li għalhekk fit-30 ta' Novembru, 2019, l-appellata kellha total ta' €14,674.90 fil-kontijiet bankarji tagħha u għalhekk huwa kellu d-dritt li jitlobha rifużjoni tal-ammont li kienet kienet tħallset f'Għajnuna għal Mard mill-21 ta' Novembru, 2017 'il quddiem, iżda minflok id-Dipartiment talab biss rifużjoni ta' dak li tħallset bejn l-14 ta' April, 2018 u s-17 ta' Jannar, 2020. Hawn id-Direttur Ġenerali appellat jagħmel riferiment għal diversi sentenzi ta' din il-Qorti in sostenn tas-sottomissjonijiet tiegħu. Jikkontendi li l-Arbitru (i) naqas milli japplika b'mod korrett id-disposizzjonijiet tal-artikolu 20 u tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318; u (ii) naqas milli jieħu kont tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna. Jgħid li dan filwaqt li naqas milli japplika l-prinċipji ta' ekwità u ġustizzja skont l-obbligu tiegħu impost mis-subartikolu 108(9) tal-Kap. 318, u hawn għal darb'oħra jagħmel riferiment għal sentenza ta' din il-Qorti sabiex jissostanzja r-raġunament tiegħu.

9. Il-Qorti tgħid li d-Direttur Ġenerali appellant għandu raġun. Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-Kap. 318 u tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda tiegħu huma ċari u inekwivoċi fejn dawn jirrikjedu li fil-kalkolu tal-mezzi li m'għandhomx flimkien jaqbżu l-€14,000 fil-każ tal-appellata, għandu jittieħed ukoll in konsiderazzjoni *"...l-valur kapitali ta' kull proprjetà immobbli urbana ... (bl-esklużjoni tad-dar fejn wieħed joqgħod) li ma tkunx qiegħda tintuża bi qligħ..."*. Il-Qorti tirrileva li hawn il-liġi ma tipprovdi għall-ebda eċċezzjoni, u dan kif ikkonsidra l-Arbitru fid-deċiżjoni appellata. Għalhekk bla dubju ta' xejn fil-

kalkolu tal-mezzi tal-appellata kellha tittieħed ukoll in konsiderazzjoni l-kantina ġewwa l-Belt Valletta li hija kienet wirtet, u sussegwentement ittrasferiet permezz ta' att ta' donazzjoni, u dan kif jirriżulta mir-rapport tat-Tax Compliance Unit, fejn il-valur mogħti kien wieħed ta' €20,000, kif rivedut għal €30,000.[1] Il-Qorti tgħid li kif jirrileva d-Direttur Ġenerali appellant, jirriżulta li l-appellata b'hekk ċaħdet lilha nnifisha mill-kapital tagħha minflok li għamlet użu minnu b'mod li ma kellhiex bżonn tistrieħ fuq l-Istat sabiex tieħu l-kura medika neċessarja.

Għaldaqstant din il-Qorti ssib l-aggravju tad-Direttur Ġenerali appellant ġustifikat, u tilqgħu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant billi tilqgħu, filwaqt li tħassar id-deċiżjoni appellata u tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tat-28 ta' Mejju, 2020.**

**L-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mill-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**

[1] Ara *fol.* 52.